# Mill-Ġdid

Joseph Camilleri

Ħudni fi ħdanek maħbuba.
B'difrejk ikkurati
żarrat in-nisġa ta' ġismi
punt punt.
Bir-reqqa u bil-galbu
fassalha mill-ġdid u aħdimha
f'libsa li tixraq xbihetek.

Isma' maħbuba
din l-għanja li ktibtlek,
vrus dgħajfa mirfuda
minn noti ħalliema.
Żarmalha l-grammatka
u ħażżeż mill-ġdid l-armoniji
biex jaqblu mal-kisra ta' leħnek.

Ħallini maħbuba
ntennilek l-istorja ta' ħajti,
u kull fejn jidhirlek,

ċarrat il-paġni,
qatta' l-kapitli,
sawwarhom mill-ġdid f'rumanzett
li jerġa' joħloqni fi kliemek.

Ħudni fi ħdanek maħbuba,
u ruħi titqanqal
mill-ġdid.